MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 101/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-esponent u l-konvenuta żżewġu fil-31 ta' Ottubru, 1965 (*vide* ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok. 'A').

2. Illi l-kontendenti żżewġu f'eta' żgħira ħafna, l-attur kellu dsatax-il sena u l-konvenuta kienet għadha kemm għalqet it-tmintax-il sena.

3. Illi l-konvenuta kkuntrattat dan iż-żwieġ prinċipalment biex teħles mid-dar fejn hija kienet tgħix mal-ġenituri tagħha fejn kien hemm problemi familjari kbar ħafna u kien hemm anke episodji ta' vjolenza u nċidenti bħal dawn.

4. Illi l-esponent anke sar jaf illi fl-istess żmien li l-konvenuta u hu kienu joħorġu flimkien, il-konvenuta kellha anke lil ħaddieħor.

5. Illi kull meta l-esponent ipprova jħassar minn mal-konvenuta hija kienet theddu li ser tagħmel suwiċidju.

6. Illi l-esponent iżżewweġ lill-konvenuta kontra r-rieda ta' missieru li kien jixtieqlu l-ġid, pero' l-esponent webbes rasu u baqa' għaddej biż-żwieġ.

7. Illi wkoll bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-ħajja miżżewġa u ma kienx hemm maturita' u lanqas preparazzjoni serja għaż-żwieġ.

8. Illi l-kontendenti sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-10 ta' Ottubru, 2000.

9. Illi għaldaqstant iż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Ottubru, 1965 huwa wieħed null u bla ebda effett, u dan *ai termini* tal-provvedimenti ta' l-Artiklu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali u b'mod partikolari *ai termini* tal-paragrafi (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-imsemmi Artiklu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Illi l-esponent qiegħed jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-fatti kollha kif kontenuti f'dan ir-rikors ġuramentat.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Ottubru, 1965 huwa wieħed null u bla ebda effett, u dan *ai termini* tal-provvedimenti ta' l-Artiklu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali u b'mod partikolari *ai termini* tal-paragrafi (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-imsemmi Artiklu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta; u

(ii) konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv tal-kontendenti.

Il-konvenuta hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2007, li permezz tagħha esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Preliminarjament illi *stante* li ż-żwieġ mertu ta' din il-kontensjoni jirrisali għas-sena 1965, il-kontensjoni odjerna hija regolata bil-Kodiċi Pio Benedittino tas-sena 1917, u *cioe'* id-dritt Kanoniku eżistenti qabel l-emendi tas-sena 1983;

2. Illi l-esponenti taqbel illi ż-żwieġ ta' bejniethom għandu jiġi annullat imma dan għal raġunijiet imputabbli lir-rikorrenti;

3. Illi r-rikors promotur fih dikjarazzjonijiet *inveritieri*;

4. Illi l-esponenti ma għandhiex tbati spejjeż ta' dana l-ġudizzju;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-partijiet u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1965 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta kif diġa' ngħad taqbel ma' dan, għalkemm għal raġunijiet differenti, għalkemm eċċepiet ukoll li għal dan iż-żwieġ tapplika l-liġi kanonika billi ġie ċelebrat qabel l-1975 meta ġiet *in vigore* l-liġi in kwistjoni.

Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (c) – kunsens miksub b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) –esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu.

Qabel xejn rigward l-eċċezzjoni preliminari għandu jingħad illi l-Artiklu 36(1) ta' l-Att in kwistjoni jestabilixxi li l-Artiklu 19 fost oħrajn japplika anke għal żwiġijiet li saru qabel ġiet in effett il-liġi, għalkemm is-sub-artiklu 2 jgħid illi dan pero' ma jaffettwax żwieġ li kien validu dak iż-żmien.

Ħafna mill-affidavits prodotti jirrakkuntaw episodji wara ż-żwieġ u naturalment x'ġara wara ż-żwieġ hu mmaterjali għall-kawża ħlief biex jitfa' dawl fuq l-istat ta' fatt ta' qabel iż-żwieġ, iżda hawn fil-fehma tal-Qorti hemm indikazzjonijiet li ż-żwieġ kien vizzjat. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Il-kawżali ta' l-attur hija waħda u *cioe'* n-nuqqas ta' diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995). Madankollu hemm ukoll indikazzjoni li kif *gia'* ingħad, il-partijiet baqgħu għaddejjin tul l-għerusija

mingħajr ma ntebħu li ż-żwieġ ma seta' qatt jirnexxi bejniethom.

Fil-kawża fl-ismijiet <u>Mario Mizzi vs Maris Mizzi</u> (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

F'dan il-każ jidher li l-partijiet kienu żgħar ħafna meta żżewġu – dsatax u tmintax-il sena. Dan ma jfissirx li ż-żwieġ kien null minħabba f'hekk, iżda jindika l-istat mentali (fis-sens ta' maturita') tal-partijiet. Il-konvenuta tammetti li kienet imdejqa d-dar u in fatti telqet minn dar il-ġenituri tagħha qabel iż-żwieġ – tgħid li xtaqet irranġat ma' missierha qabel iżżewġet. Kollox jindika li ż-żwieġ sar fi żmien taqlib fil-ħajja tal-partijiet, għalkemm wieħed jammirahom illi skond huma stess baqgħu flimkien biex jagħtu lil uliedhom trobbija kemm jista' jkun normali. Isseparaw legalment fl-2000.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-31 ta' Ottubru, 1965. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------